# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tal-Ġimgħa, 2 ta' Lulju 2021**

**Talba numru 103/2020SFJ**

**WESTWOOD CO. LIMITED (C46738) FIL-KUMMERĊ BĦALA "THE PROFESSIONALS"**
**vs.**
**ETHELBERT XUEREB (30587M) U MARISA MANGION (260183M)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mis-soċjetà attriċi fid-29 ta' Mejju 2020 li permezz tagħha talbu li l-konvenuti jkunu kkundannati jħallsuhom is-somma ta' elf u tlett mija u tnejn u erbgħin Ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€1,342.96) rappreżentanti bilanċ minn somma akbar dovuta lill-istess soċjetà attriċi għal *laminated flooring* ordnat mill-konvenuti;

Ra r-Risposta b'Kontro-talba ppreżentata mill-konvenuti rikonvenzjonanti fl-1 ta' Frar 2021;

Ra r-Risposta tal-atturi rikonvenzjonati għall-Kontro-talba, liema Risposta ġiet ippreżentata fis-17 ta' Frar 2021;

Ra li l-konvenuti rikonvenzjonanti ressqu l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* billi qalu li kien hemm kawża pendenti quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur;

Ra d-digriet tal-5 ta' April 2021 li permezz tiegħu ordna li sabiex issir ġustizzja fis-sustanza tal-każ u sabiex it-Tribunal ikun jista' jeżamina sewwa u kif jixraq jekk tistax tiġi milqugħa l-eċċezzjoni relattiva, il-konvenuti għandhom, fi żmien ġimgħatejn minn meta jirċievu dan id-digriet, jippreżentaw:

i. Kopja awtentikata tal-Avviż tat-Talba jew att promotur simili ppreżentat quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur; u

ii. Kopja awtentikata tar-Risposta jew att simili ppreżentat quddiem it-Tribunal tal-Konsumatur.

Ra li skont il-verbal tat-8 ta' Ġunju 2021, kien biss f'dik is-seduta li l-avukat tal-konvenuti rċieva kopja tad-digriet tat-Tribunal tal-5 ta' April 2021;

Ra n-nota tal-konvenuti tat-18 ta' Ġunju 2021 li permezz tagħha ottemperaw ruħhom mad-digriet datat 5 ta' April 2021; u

Ra li l-kawża tħalliet għal sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-*lis alibi pendens*.

**<u>Provi ppreżentati u konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

Sabiex jagħti sfond, it-Tribunal jispjega li din hija sentenza preliminari dwar l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* imressqa mill-konvenuti odjerni. Huma qanqlu din l-eċċezzjoni stante li kienu huma stess li fetħu kawża quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur (CCT/92/20).

Jirriżulta mill-atti li quddiem dan it-Tribunal, il-kawża nfetħet minn Westwood Co. Limited **fid-29 ta' Mejju 2020** u l-konvenuti ppreżentaw Risposta b'Kontro-talba fl-1 ta' Frar 2021.

Quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur, il-kawża nfetħet minn Ethelbert Xuereb u Marisa Mangion fl-**20 ta' Lulju 2020**.

Dan ifisser li l-proċeduri nbdew l-ewwel quddiem dan it-Tribunal u mhux quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur.

It-Tribunal sejjer issa jara jekk jeżistux l-elementi rikjesti sabiex tissussisti l-eċċezzjoni relattiva.

Fis-sentenza fl-ismijiet ***<u>Paolo Gatt et vs. Fayton Falzon et</u>*** (deċiża mill-Prim' Awla fil-15 ta' Ottubru 2015), li fiha ġie spjegat:

*"L-iskop tal-eccezzjoni tal-lis alibi pendens hu li jimpedixxi li fuq l-istess kontroversja bejn l-istess partijiet jigu moghtija minn zewg qrati differenti zewg sentenzi, li jista' wkoll, ikunu inkonciljabbli. (**Vol 34 p 358**).*

*Skont il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, l-eccezzjoni tal-lis alibi pendens hija fondata fuq l-istess tlett elementi ta' res iudicata: eadem res, eadem causa petendi u eadem personam. (**Crocefissa Sammut et. v Joseph Spiteri et.** - App. Civ. 10 ta' Ottubru 2003; **Dingli Co Int.l Ltd noe. v Rainbow Productions Ltd –** PA(RCP) 12 ta' Ottubru 1999)."*

Fis-sentenza fl-ismijiet ***<u>Reznikov et vs. Kotivov pro et noe</u>*** (deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fl-24 ta' Marzu 1994) intqal:

*"…defendant's plea of lis alibi pendens is such that the court would be precluded from pronouncing itself on the merits if the plea were founded in law, and therefore, before considering the merits of the present action, the court is to adjudge on the said plea. The plea is somewhat parallel with the plea of 'exceptio rei judicatae'. Just as a suit cannot be decided upon more than once, so also there cannot be at the same time" more than one judicial relation between the same persons on the same merit, because this would imply a plurality of decisions on the same issue. The effect of the plea of 'litis pendentia' in the words of section 792 of the Code of Organisation and Civil Procedure is that the Court before which the second action is brought may order the suit to be remitted to the First Court. In fact, doctrine and case law in the matter are to the effect that it is in fact mandatory for the Court to declare its own incompetence ex officio if such plea is founded, in spite of the use of the word 'may' in the said section quoted therein. The essential conditions for this plea is the identity of the two actions which resulted from the identity of all the elements thereof, i.e. the parties, the subject matter, and the cause of the demand."*

It-Tribunal jinnota anki dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Adam Galea et vs. Tarcisio Calleja pro et*** (deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Mejju 2001):

*"L-implikazzjoni mbagħad illi din il-Qorti kellha minn rajha tiddeċiedi li tissoprasjedi sakemm jinqatgħu proċeduri oħra li seta' kellhom rifless fuq din l-istanza hi għal kollox anti-ġuridika. Ġustament allura saret riferenza mill-appellati għall-ġurisprudenza li tgħallem illi "fis-sistema ġudizzjarju tagħna, l-Qorti m'għandhiex tissolleva eċċezzjonijiet, li mhix awtorizzata espressament mill-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jew minn xi konsiderazzjoni serja ta' ordni pubbliku.*

*Dan billi bħala norma l-ġudikant għandu jiddeċiedi l-kawża billi joqgħod fuq il-binarju tal-kontestazzjoni li jressqulu l-partijiet" (Edwin Grech vs Antida Saglimbene et, deciza mill-Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' April 1992)."*

It-Tribunal għandu għalhekk jiddeċiedi jekk jikkonkorrux l-elementi ta' *eadem res*, *eadem personam* u *eadem causa petendi* meta wieħed iqabbel il-proċeduri odjerni mal-kawża li għadha għaddejja quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur. Jekk ma jikkonkorrux it-tlett elementi, ma jistax jingħad li l-ħaġa hija l-istess (*nisi omnia concurrunt, alia res est*) (ara ***Cortis vs. Aquilina*** deċiża mill-Prim' Awla fil-25 ta' Settembru 2003).

Huwa notevoli li dwar l-element *eadem causa petendi*, il-Qorti tal-Appell (Superjuri), fis-sentenza fl-ismijiet ***Crocifissa Sammut et vs. Joseph Spiteri*** (deċiża fl-10 ta' Ottubru 2003), qalet:

*"L-element ta' eadem causa petendi ma jifformax ruhu biss b'dak li gie espressament diskuss, imma anki b'dak kollu li seta' gie diskuss."*

It-Tribunal jinnota:

- Illi l-Kontro-talba f'din il-kawża hija identika għall-Avviż tat-Talba quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur tant li t-talbiet huma prattikament "*copy and paste*";

- Illi l-proċeduri quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur jirrigwardaw preċiżament l-istess partijiet iżda fl-ismijiet inversi.

Għalhekk, l-elementi rikjesti sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens* huma preżenti.

Pero, billi *si tratta* ta' żewġ tribunali (u mhux żewġ qrati kif isemmi l-Art. 792 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u fid-dawl tal-fatt li kienet l-azzjoni quddiem dan it-Tribunal li nbdiet l-ewwel, dan it-Tribunal ma jarahiex ħaġa loġika li jilqa' l-eċċezzjoni u konsegwentement jibgħat l-atti ta' din il-kawża sabiex jiġu deċiżi mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur. Inoltre, dan jingħad anki tenut kont tal-fatt li dan it-Tribunal għandu kompetenza sabiex jisma' kawżi sal-valur ta' ħamest elef Ewro (€5,000) filwaqt li t-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur għandu kompetenza sabiex jisma' azzjonijiet sal-valur ta' tlett elef u ħames mitt Ewro (€3,500).

Għalhekk, dan it-Tribunal sejjer jiddisponi mill-eċċezzjoni relattiva billi jsejjaħ sabiex tinstema' quddiemu l-kawża fl-ismijiet inversi li ġġib in-numru CCT/92/20 li tinsab preżentement pendenti quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li ra l-atti u l-provi mressqa, it-Tribunal jiddisponi mill-eċċezzjoni relattiva billi jsejjaħ sabiex tinstema' quddiemu l-kawża fl-ismijiet inversi li ġġib in-numru CCT/92/20 li tinsab preżentement pendenti quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur.

It-Tribunal jordna għalhekk lir-Reġistratur tat-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumatur sabiex jibgħat l-atti ta' dik il-kawża quddiem dan it-Tribunal sabiex il-kawża tkun mismugħa quddiem dan it-Tribunal.

It-Tribunal jipprovdi dwar l-ispejjeż fis-sentenza finali.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**